# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru 2020**

**Numru 7**

**Rikors numru 56/11 JVC**

**Geoffrey Spiteri**

**v.**

**Saviour Galea u b'digriet tal-24 ta' Mejju 2012 is-socjeta` assikuratrici Citadel Insurance plc giet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis***

1. Dan hu appell tal-attur li jirrigwarda incident stradali li sehh fis-26 ta' Dicembru 2009 meta l-appellat konvenut Saviour Galea kien qed isuq karozza bin-numru EBA295 'l isfel fi Triq Qasam San Pawl, Kercem, Ghawdex fid-direzzjoni ta' Triq l-Ghadira (Kercem). F'mument minnhom it-triq djieqet ghaliex kien hemm vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq b'mod li ma setghux jghaddu zewg vetturi mill-ispazju li fadal bejn il-vetturi pparkjati. Mid-direzzjoni opposta tal-appellat gie mutur numru KBJ796 misjuq minn l-appellant Geoffrey Spiteri u kif dan ra l-vettura tal-appellat

ghafas il-brejk biex jieqaf izda l-mutur tieghu skiddja u baqa' diehel fil-vettura misjuqa mill-appellat li x'hin ra l-mutur gej ghal fuqu waqqaf il-karozza tieghu. Fl-incident Spiteri wegga' gravi.

2. L-attur talab li l-Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident, tillikwida d-danni u tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni likwidati.

3. Il-konvenut cahad ir-responsabbilita` ghall-incident anzi sostna li l-incident sehh bi htija tal-attur.

4. B'sentenza tat-22 ta' Settembru 2015, l-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi ddikjarat li r-responsabbilta' tal-incident tinkombi unikament fuq l-attur filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u cahdet it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kollha, eskluzi tal-intervenut fil-kawza, kontra l-attur. Il-Qorti kkonstatat li, apparti r-rikors sabiex tintervjeni fil-kawza, is-socjeta` Citadel Insurance plc ma hadet l-ebda sehem attiv f'dawn il-proceduri ghajr illi talbet numru ta' differimenti u ghalhekk ma tqisx li l-ispejjez taghha ghandhom jigu sopportati mill-attur u ghandhom jigu sopportati mill-istess socjeta` intervenuta.

5. L-ewwel Qorti waslet ghas-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar ir-responsabbilita` ghall-incident:

*"Illi fic-cirkustanzi hawn suesposti l-Qorti tqis li l-kwistjoni kollha tirrivolvi ruhha dwar jekk il-partijiet kienux qed izommu 'proper look-out' filwaqt li kienu qed isuqu l-vetturi taghhom qabel ma sehh l-incident.*

*"Applikati l-principji [gurisprudenzjali] ghall-kaz de quo jehtieg li l-Qorti tidhol f'analizi tal-azzjonijiet taz-zewg partijiet sa x'hin sehh l-incident. Da parti tal-intimat il-provi kollha jwasslu sabiex din il-Qorti temmen li fil-fatt l-intimat kien niezel ghal triqtu, miexi fil-parti dritta tat-triq u kien qed javvicina bil-mod il-liwja. Huwa sab quddiemu sitwazzjoni, mhux voluta minnu, fejn kien hemm zewg vetturi mhux zghar ipparkjati fuq kull naha tat-triq b'tali mod li ma kienx possibbli li zewg vetturi ta' daqs normali jghaddu minn bejniethom. L-intimat sabiex jibqa' ghaddej fi triqtu bilfors kellu jaqla' l-pick up ipparkjat fuq in-naha tax-xellug tieghu, pick-up li mir-ritratt a fol. 209 lanqas kien ipparkjat dritt b'tali mod li sahansitra kien qed jiehu aktar spazju mit-triq minn kemm kien hemm bzonn. Certament wiehed ma jistax jippretendi mill-intimat li jipparkja l-karozza wara l-'pick-up' u jieqaf hemm ghal dejjem ma jmurx tigi xi vettura min-naha l-ohra tat-triq, ghaliex se mai dik kienet l-uniku alternattiva li kellu, alternattiva li zgur mihijiex wahda logika. Jirrizulta li l-intimat kompla miexi bil-mod u hareg 'il barra biex jaqbez il-vettura 'pick-up' filwaqt li ra li ma kien hemm l-ebda vettura gejja mid-direzzjoni opposta, ovvjament sa fejn setghet ittih il-vizwali tal-liwja in kwistjoni. X'hin l-intimat sab ruhu bejn iz-zewg vetturi huwa nnota l-mutur gej minn faccata tieghu ghal fuqu. Malli ra hekk l-intimat ha azzjoni mmedjata billi waqqaf mill-ewwel il-vettura tieghu minghajr ma halla l-ebda sinjal ta' brake mark. Dan jevidenzja li huwa minnu li l-intimat kien miexi bil-mod. In oltre, li l-intimat kien wieqaf x'hin sehh l-incident huwa konfermat minn diversi xhieda kif espost aktar 'il fuq. Fil-mument li l-intimat ra lill-attur gej lejh x'hin kien bejn iz-zewg vetturi huwa ma kellu l-ebda triq ohra ghajr li jwaqqaf hesrem il-vettura tieghu. Zgur li ma kellux il-hin li jiehu xi azzjoni ohra bhal per ezempju li jsuq lura. Fil-fatt bosta mix-xhieda jikkonfermaw li l-incident sehh fi ftit sekondi.*

*"Da parti tieghu l-attur jikkonferma li huwa kien qed isuq lejn il-liwja izda mkien ma jirrizulta li huwa xi hin naqqas il-velocita` tieghu ghaliex kien riesaq lejn il-liwja ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li huwa baqa' miexi b'velocita` kostanti nonostante li kien riesaq lejn il-bini u lejn il-liwja li kienet tghatti sew il-vizwal ta' dak li jmiss fit-triq. Din kienet manuvra perikoluza anki mis-semplici fatt li hareg mill-provi li malli taqbez il-liwja it-triq xorta wahda tidjieq anki minghajr vetturi pparkjati. Jirrizulta fi kliem l-istess attur li huwa ra l-vettura tal-intimat izda ma brejkjax mill-ewwel ghaliex assuma li kellu jkun l-intimat li kellu jieqaf. Fi kliem l-attur stess kien hemm distanza ta' madwar sittin jew sebghin pied meta huwa ra lill-attur ghall-ewwel darba (ara l-affidavit tieghu a fol. 10 tal-process). Kien biss wara li l-attur iddecieda li jiehu azzjoni u jiehu brejk qawwi, brejk li ttiehed b'tali mod li l-mutur tieghu tkaxkar ghal aktar minn disa' metri u habat mal-vettura tal-attur li sa dak il-hin kienet wieqfa.*

*"Din il-Qorti tqis li f'dawn ic-cirkustanzi u mill-assjem tal-provi kollha fl-atti l-intimat kien fil-fatt qed izomm mal-obbligu tieghu ta' 'proper look*

*out' ghal dak li qed jigri fit-triq, tant hu hekk li malli lemah il-mutur fil-vizwal tieghu huwa kellu cans jirreagixxi u waqaf mill-ewwel. Fl-istess hin tant ma kienx qed isuq b'xi mod negligenti jew traskurat li sahansitra malli l-mutur tfacca quddiemu kellu cans iwaqqaf il-vettura tieghu minghajr ma halla ebda marki ta' brejkijiet. Fil-fatt jirrizulta car li l-vettura tal-intimat kienet wieqfa meta sehh l-incident.*

*"Min-naha l-ohra jirrizulta lil din il-Qorti li kien l-attur li ma kienx qed izomm il-'proper look out' mehtiega minnu fic-cirkustanzi tat-triq li kien qed isuq fiha u ma zammx mad-dover tieghu li jnaqqas il-velocita` nonostante li kien qed javvicina l-liwja. Jirrizulta ampjament ippruvat li huwa fl-ebda hin ma naqqas il-velocita` tieghu meta fil-fatt hekk kellu jaghmel meta kien jaf li riesaq lejn il-liwja. In oltre fi kliemu stess sahansitra meta skont hu nnota l-vettura tal-konvenut, huwa xorta ma naqqasx mill-ewwel ghax ippretenda li kellu jieqaf il-konvenut. Kien biss wara li fi kliemu rreagixxa, billi hasad il-brejk tal-mutur, tant li dan mexa oltre disa' metri ohra u habat gol-vettura tal-intimat.*

*"Din il-Qorti hija tal-fehma li anki li kieku kellha temmen il-verzjoni tal-attur u cioe' li l-intimat kien ra lill-attur qabel ma beda jaqbez il-pick up ipparkjat (verzjoni li din il-Qorti taghmilha cara li ma sabet l-ebda bazi fattwali ghaliha fl-atti) la darba l-attur ex admissis innota l-vettura tal-attur skont hu meta kienet madwar sittin sebghin pied 'il boghod l-azzjoni li kellu jiehu l-attur ma kinitx li jibqa' sejjer u jispera li jieqaf l-intimat izda kellu certament inaqqas il-velocita` tieghu u jekk kien hemm bzonn jieqaf hu izda dan ma ghamlux. Anzi, anki li kieku ma rax lill-konvenut, la darba l-attur kien riesaq lejn liwja kien obbligu tieghu li jnaqqas il-velocita` izda dan ma ghamlux. Fil-fatt il-mutur li kien qed isuq ezatt wara l-attur, ghaliex kellu aktar konjizzjoni ta' x'kien qed jigri fit-triq ha azzjoni mill-ewwel u rnexxilu jevita l-incident billi ghadda bil-mod minn bejn il-vettura tal-intimat u t-trakk ipparkjat.*

*Ghalhekk in vista tas-suespost, il-Qorti tqis li r-responsabbilita` tal-incident de quo tinkombi unikament fuq l-attur li naqas milli jezercita 'proper look out' fis-sewqan tieghu fic-cirkustanzi tat-triq li kien qed isuq fiha fosthom li ma naqqasx il-velocita` tal-mutur tieghu ghalkemm kien riesaq lejn liwja fit-triq u konsegwentement ikkawza l-incident u tqis li l-intimat ma kellu l-ebda responsabbilta' ghall-istess incident stante li ma seta' bl-ebda mod ragjonevoli jevita tali incident.*

*"Illi in vista tal-konkluzjonijiet suesposti li jwasslu sabiex it-talbiet tal-attur jigu michuda, m'hemmx lok li din il-Qorti tinoltra ruhha fuq il-kalkolu tad-danni sofferti mill-attur".*

6. Minn din is-sentenza appella l-attur li talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tilqa' t-talbiet

attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni skont il-propsett tad-danni li jirrizulta fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur b'dan illi r-riduzzjoni ghal *lump sum* ghandha tirrifletti z-zmien li din il-kawza tkun ilha pendenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

7. Il-konvenut wiegeb illi s-sentenza appellata timmerita li tigi kkonfermata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.

8. Fl-aggravji tieghu l-appellant jissottometti li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa zbaljat u l-appellant ma kellux jinsab responsabbli mill-provi prodotti, wisq aktar unikament responsabbli.

9. L-appellant isostni li meta l-appellat ghadda magenb l-pickup ipparkjata fuq ix-xellug tieghu hu ostakolalu l-karreggjata tieghu. Zewg vetturi hdejn xulxin ma jghaddux ghalhekk jekk kien hemm bzonn il-konvenut kellu jcedi lit-traffiku gej mid-direzzjoni opposta tieghu. Ghalkemm fejn sehh l-incident it-triq tilwi xi ftit lejn ix-xellug, pero` l-vizwali ittik li tara fit-tul kemm minn fejn kien gej l-attur kif ukoll minn fejn kien gej il-konvenut. Minkejja li l-konvenut rah gej, dan baqa' jsuq ghal fuqu, u meta l-attur ra li l-konvenut ma cediex u baqa' jsuq u ghalaqlu l-karreggjata, hu kien pront ghafas il-brejk tal-mutur imma skiddjalu u tilef il-bilanc u habat *head on* mal-karozza. Kien dmir tal-konvenut li jzomm a proper lookout u jzomm kemm jista' jkun lejn in-naha tieghu tat-triq sabiex ma jkunx ta' ostakolu

ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta u johloq *sudden emergency*. L-appellant jippretendi li l-karreggjata tieghu tkun ghal kollox hielsa mit-traffiku kif kienet meta ra lill-konvenut ghadu mhux biswit il-pickup u t-truck. Il-konvenut, minbarra li kellu jsuq bil-mod u razenti mal-vettura li kien hemm ipparkeggjata fuq ix-xellug tieghu, kellu jdoqq il-horn biex juri li tkun gejja vettura, haga li l-konvenut m'ghamilx. Ma jirrizultax li l-vetturi kienu qeghdin jinsaqu b'xi speed eccessiv u lanqas li l-konvenut kien wieqaf meta saret il-habta. Il-brakemarks li halla l-attur mhumiex indikativi ta' speed eccessiv billi mutur ma jieqafx bhal karozza u ma jirrizultax jekk l-marki li halla l-attur humiex tyre marks jew brake marks.

10. Zied sussidjarjament li jekk il-Qorti xorta ssib li l-attur naqas, il-manuvra azzardata tal-konvenut appellat ma kelliex twassal biex l-ewwel Qorti tezonerah ghal kollox mir-responsabbilita` billi jekk ma kinitx il-fattur determinanti tal-kollizzjoni, certament li l-agir tal-konvenut kien fattur kontributorju talli sehhet il-habta.

11. L-appellat wiegeb li meta hu qabad l-ispazju bejn iz-zewg vetturi li kien hemm ipparkjati, l-appellant kien ghadu ma tfaccax minn wara l-kantuniera. Ix-xhud Mark Anthony Camilleri jikkonferma li l-vettura tal-konvenut kienet diga magenb dawn iz-zewg vetturi u li kien wieqaf. Min-naha l-ohra l-appellant jaghti zewg verzjonijiet differenti dwar dan.

12. L-appellant jilmenta li l-appellat naqas li jzomm a proper lookout u li kien fid-dmir li jekk hemm bzonn icedi u jaghti d-dritta lill-appellant la darba bil-manuvra tieghu kien ser jostakola l-karreggjata tieghu. L-appellat isostni li (i) billi fil-mument li l-partijiet raw lill-xulxin, il-vettura tal-appellat kienet diga tinsab bejn iz-zewg vetturi pparkjati u (ii) l-obbligu li jiehu l-prekawzjonijiet kien ta' dak li kien gej minn wara l-liwja/blind corner, li jnaqqas il-velocita`, idoqq il-horn u juza d-diligenza kollha rikjesta n-nuqqas ta' proper lookout kienet taqa' kollha fuq l-appellant. Di piu` meta l-appellat kien ser jaqbad iz-zewg vetturi, l-appellant kien ghadu ma tfaccax. Hu kien qed isuq bil-mod u kif ra lill-appellant gej, waqaf ghax kien qed isuq bil-mod u lanqas ibbrekja. Mhux hekk ghamel l-appellant li halla brakemarks ta' 9.5m u ghalhekk minhabba s-sewqan tieghu naqas li jikkontrolla l-mutur mentri Mark Anthony Camilleri u Vincent Xuereb li kienu warajh ikkontrollaw il-mutur taghhom u ghaddew mill-ispazju li kien hemm.

13. Ghalkemm l-appellant isostni li l-mekkanizmu tal-braking ta' karozza mhuwiex l-istess bhal dak ta' mutur, l-appellat jghid li din hija biss assunzjoni tal-appellant u ma tirrizulta minn imkien u hu ma ressaq ebda prova fir-rigward. Jghid li l-ewwel Qorti ma setghetx ma tikkonsidrax brakemark tant twil. In-nuqqas kien tal-appellant li ma rnexxilux jikkontrolla l-mutur minhabba l-ispeed. L-appellant jaghti diversi verzjonijiet ta' kemm kienet il-velocita` li kien ghaddej biha li skont l-ewwel

Qorti kienu jvarjaw bejn 30 km u 50 km fis-siegha. Velocita` ta' 50 km fis-siegha hija velocita` ferm aktar mis-speed permissibili f'post abitat u fejn hemm il-bini u meta kien riesaq lejn liwja.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

14. L-aggravju principali tal-appellant hu li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa zbaljat u mill-provi prodotti l-appellant ma kellux jinsab responsabbli, wisq aktar unikament responsabbli.

15. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Bank of Valletta plc v. Joecar Limited et** (App 27/03/2020):

> "Din il-Qorti ttenni li meta jitqajjem quddiemha aggravju ta' appell li jolqot l-apprezzament tal-provi li jkun sar minn qorti tal-ewwel grad, hi thares b'reqqa lejn l-istedina li tkun qieghda ssirilha biex taghmel il-valutazzjoni taghha ta' dawk il-provi minflok dik tal-ewwel Qorti. Ghalkemm din il-Qorti ghandha tara u tifli dik il-valutazzjoni, m'ghandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm ragunijiet tabilhaqq serji biex taghmel dan. Il-funzjoni ta' revizjoni li trid taghmel din il-Qorti ma jwasslux bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-ezercizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti bhallikieku ma sar xejn. Ghall-kuntrarju, jekk jirrizulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti huwa wiehed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konkluzjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sintezi tar-ragunament mibni fuq dawk ilprovi u t-thaddim xieraq tal-ligi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni. Kif inghad minn din il-Qorti, fis-sentenza taghha tas-16 ta' Dicembru, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Nazzareno Cardona et v. Massimo Zahra et**:
>
> > "Kif ingħad bosta drabi, din il-Qorti tagħraf li bħala regola m'għandhiex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi jew ta' min imissu jitwemmen. F'ċirkostanzi bħal dawn, sakemm l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi fattwali li jsir mill-ewwel Qorti ma jkunx fid-dieher wieħed irraġonevoli, din il-Qorti ma tindaħalx biex tgħid x'kienet taħseb hi jew jekk l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti kinitx tagħmlu bħalha (App. Ċiv. 26.1.2018 fil-kawża fl-ismijiet Josephine Aġius vs Piju Theuma). Madankollu, huwa minnu wkoll li din il-Qorti (diversament komposta) qalet li "Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-

> apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel Qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti" (App. Ċiv. 14.12.2018 fil-kawża fl-ismijiet Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et".

"Ghalhekk din il-Qorti hija obbligata li tixtarr mill-gdid il-provi in atti."

16. Kif qalet l-ewwel Qorti jidher li l-akbar divergenza bejn il-partijiet hija dwar jekk il-konvenut rax lill-attur qabel ma saq il-vettura tieghu bejn iz-zewg vetturi pparkjati jew jekk meta tfacca l-attur, l-konvenut kien diga bejn iz-zewg vetturi.

17. L-appellant isostni li l-konvenut ma kienx ghadu gie magenb il-karozzi pparkjati u minkejja li rah gej, dan baqa' jsuq ghal fuqu, u meta hu ra li l-konvenut ma cediex u baqa' jsuq, ghalaqlu l-karreggjata. L-appellant jippretendi li l-karreggjata tieghu kellha tkun ghal kollox hielsa mit-traffiku kif kienet meta hu ra lill-konvenut ghadu mhux biswit il-pickup u t-truck.

18. Dato ma non concesso li l-fatti graw kif qed jghid l-appellant, [ezami li ghad irid isir] hu ma kellu ebda dritt li jenforza din ir-*right of way* li qed jippretendi li kellu.

19. Skont l-paragrafu 150 tal-Highway Code (Verzjoni tar-Renju Unit 1999, verzjoni stampata f'Malta 2001):

> "150. *The Highway Code* does not give you the right of way in any circumstance, but it advises you when you should give way to others. Always give way if it can help to avoid an accident.
>
> "230. Do not take your right of way for granted if you have reason to suspect that the other vehicle is not conceding priority. You should still take the necessary action to avoid an accident".

20. Inoltre gie deciz minn dawn il-Qrati li:

> "A person driving a car and having the right of way, cannot claim to enforce his right so as to proceed, unhindered and unchecked, if by the exercise of ordinary prudence and by keeping a proper lookout he might have avoided a collision which actually took place. In such case he cannot disclaim responsibility for the occurrence simply because the other party disregarded his right of way, unless he had been placed in a position of peril, or unless in the so called "agony of collision" only extraordinary care could have avoided the impact" [**Police vs Jack Morris** 24/7/1937 Vol 29 p4 p 740.]

21. Il-Qorti ghalhekk kellha tfittex sewwa x'kienet il-kawza prossima tal-kollizjoni.

22. L-appellant isostni li l-appellat minbarra li kellu jsuq bil-mod u razenti mal-vettura li kien hemm ipparkeggjata fuq ix-xellug tieghu sabiex ma jkunx ta' ostakolu ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta, kellu jdoqq il-horn biex juri li tkun gejja vettura, haga li l-konvenut m'ghamilx.

23. Kwantu ghad-daqq tal-horn jidher li z-zewg sewwieqa ma daqqewx il-horn qabel l-incident. Kif gie fil-kaz **Foskett v. Mistry** (1984) RTR 1, CA:

> "Sounding a horn may be useful to warn other traffic of the approach of a vehicle, but does not absolve a driver of the duty to take care or give right of way. By itself it is not evidence of negligence, although it may be taken into account, with other circumstances, in determining whether the driver was negligent".

24. F'dan il-kaz ebda wiehed mis-sewwieqa ma daqq il-horn ghalhekk il-Qorti trid tara jekk, indipendentement minn dan, kienx hemm negligenza fis-sewqan ta' xi parti u li kienet il-kawza principali tal-akkadut.

25. Fil-fehma tal-Qorti dak li jrid jigi stabbilit huwa fejn kienu l-vetturi meta l-partijiet raw lil xulxin qabel il-habta. L-ewwel Qorti ddecidiet li meta l-konvenut gie biex jaqbez il-vettura 'pick-up' filwaqt li ra li ma kien hemm l-ebda vettura gejja mid-direzzjoni opposta, ovvjament sa fejn setghet ittih il-vizwali tal-liwja in kwistjoni, x'hin il-konvenut sab ruhu bejn iz-zewg vetturi huwa nnota l-mutur gej minn faccata tieghu ghal fuqu. Malli ra hekk l-intimat waqqaf mill-ewwel il-vettura tieghu.

26. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti hija konfortata mill-provi prodotti f'dawn il-proceduri, senjatament ir-rapport tal-Pulizija, u x-xhieda tal-partijiet f'dawn il-proceduri u l-proceduri kriminali kontra l-konvenut/appellat.

27. Fir-rapport tal-pulizija hemm il-verzjonijiet li taw iz-zewg sewwieqa *a tempo vergine*.

28. Illi kif gie rilevat f'diversi sentenzi tal-Qrati taghna, "il-verżjoni 'a tempo vergine' tingħata mis-sewwieq immedjatament jew ftit tal-hin wara l-incident. Una volta li tali verzjoni nghatat fil-mument meta l-inċident ikun għadu kif seħħ, kwindi s-sewwieq ma jkollux ċans joqgħod jaħseb x'verżjoni tal-fatti jaqbillu jagħti. Tali verzjoni ukoll tingħata qabel ma sewwieq ta' vettura jkollu l-opportunita' li jikkonsulta ma' ħaddieħor u qabel ma jista' jigi influwenzat minn ħaddieħor dwar x'għandu jghid. Kwindi jidher li l-verzjoni li tinghata "a tempo vergine" għandha titqies li hi l-verżjoni l-iktar affidabbli" (ara f'dan is-sens **Citadel v. Chircop** PA GC 27.7.13; **Andrew Ciantar v. Joseph Coleiro,** P.A., 13.07.2001).

29. Ir-raguni 'l ghala l-Qrati taghna dejjem taw piz ghal dikjarazzjonijiet li jsiru *a tempo vergine* huwa proprju sabiex f'kaz ta' verzjonijiet kunfliggenti, bhal f'dan il-kaz, il-Qorti tkun tista' tislet mill-verzjoni tal-partijet dawk il-provi li jidhru l-aktar verosimili fic-cirkostanzi tal-kaz.

30. A tempo vergine l-appellant qal lil PS 559 Jason John Spiteri hekk:

> "'*jien kont tiela' t-telgha bil-mutur* ***u sibt it-triq maghluqa minhabba l-karozza li kienet niezla'***".

31. Fil-kawza kriminali kontra l-appellat, l-appellant xehed [Ara p 88] li jikkalkola li kien qed isuq bejn wiehed u iehor bil-50 km/s. Meta kien diehel it-triq sab li kien hemm vetturi pparkeggjati fuq iz-zewg nahat taghha u kien hemm karozza fin-nofs ukoll gejja lejh. **Meta lemaha l-ewwel darba**

**din il-vettura kienet diga qabdet dawn iz-zewg karozzi pparkeggjati**. Hu pprova jzomm il-brejk. Kif ghafas il-brejk il-mutur skiddja u baqa diehel fil-vettura. **Il-vettura l-ohra, kif rah gej ghal fuqu, waqqaf**.

32. F'din il-kawza l-verzjoni tal-appellant [ara affidavit] hi differenti minn dik li ta fil-kawza kriminali u anke mill-verzjoni a tempo vergine kemm fir-rigward ta' fejn kienu l-vetturi qabel il-habta kif ukoll dwar l-ispeed li kien ghaddej bih. Hu jghid hekk:

> *"Jiena rajt il-vettura ta' Galea gejja mid-direzzjoni opposta. L-ewwel darba li lmahtu gej, konna ghadna l-boghod minn xulxin madwar sittin jew sebghin pied, u dak il-hin il-karreggjata tieghu kienet ghadha mhix imblukkata bil-vettura tal-konvenut, fis-sens li l-**konvenut kien ghadu ma wasalx ghal kollox biswit it-trakk u l-karozza li kien hemm ipparkjati fuq kull genb tat-triq.** Ghalhekk dak il-hin li rajtu jiena kelli wisgha bizzejjed li nibqa' ghaddej fuq il-karreggjata tieghi... **Minkejja li l-konvenut rani gej, hu baqa' jsuq ghal fuqi**, u meta jiena rajtu li ma cediex u baqa' jsuq u ghalaqli l-karreggjata, jiena kont pront ghafast il-brejk tal-mutur u skiddjali u tlift il-bilanc u hbatt head on mal-karozza".*

33. Min-naha l-ohra l-verzjoni tal-appellat baqghet dejjem konsistenti.

34. A tempo vergine hu qal hekk lis-Surgent :

> "'*jien kont niezel lejn il-pjazza u narah gej fuqi u tela' fuqi*'".

35. Fil-kawza kriminali kontra tieghu [ara fol 121] hu xehed hekk:

> "Kont niezel bil-karozza u fil-kantuniera kien hemm zewg trakkijiet ipparkjati u rajt mutur gej fuqi. Jiena waqaft x'hin rajtu. Hu kien gej bi speed sewwa, high. Zamm brake, skiddja u gie sparat fuqi. Tar minn fuq il-mutur, kissirli l-windscreen, ghadda fuq is-saqaf tal-karozza u gie wara l-vettura tieghi. Kellu 9.5.metri brakemarks. Jien kont niezel bil-mod ghax hemm kantuniera u trid toqghod seba ghajnejn".

36. F'affidavit tieghu f'dina l-kawza l-appellat ikkonferma din il-verzjoni u xehed hekk:

> "Waqt li kont niezel minn triq fejn sehhet il-habta kien hemmt zewg vetturi pparkjati maz-zewg nahiet tat-triq u peress li mill-faccata ma kienux gejjin vetturi, komplejt ghaddej bil-mod minn bejn dawn iz-zewg vetturi u kien biss fil-mument li jiena kont wasalt biswit il-karozzi li tfacca l-mutur tal-attur minn wara l-kantuniera u baqa diehel gewwa l-vettura tieghi. Infatti jiena malli lmaht lil konvenut gej ghal fuqi, waqaft kompletament filwaqt li l-konvenut baqa' diehel gol-vettura tieghi, s-sewwieq ta' warajh ghadda minn bejn l-ispazju li kien hemm bejn il-vettura tieghi u *t-truck* li kien ipparkjat man naha l-ohra tat-triq. L-attur gie b'velocita` eccessiva fl-liwja bla ma daqq il-horn. X'hin qabad il-vetturi ma kien ghadu gej xejn imbagad jara l-mutur gej".

37. Dak li sostna l-appellat dwar il-pozizzjoni tal-vettura tieghu qabel il-habta gie kkonfermat minn PC 111 Mark Anthony Camilleri, is-sewwieq tal-mutur li kien wara dak tal-appellant u ra l-habta. Hu xehed li l-vettura tal-konvenut kienet ghan-nofs it-triq u dan kien peress li hemm il-vettura pparkjata fil-genb. Ra lil Jeffrey izomm il-brejk u telaqlu l-mutur minn wara. Kif ra hekk, ra kif se jghaddi u ghadda minn bejn il-karozza u t-trakk. **Mistoqsi jekk x'hin ra il-vettura tal-konvenut din kinitx diga qalghet il-pick-up blue, nghid li 'Iva'. Diga hemm kienet. Meta huwa ra l-vettura tal-konvenut dina kienet wieqfa** [fol 33].

38. Din il-Qorti ghalhekk taqbel mal-ewwel Qorti li l-incident gara skont il-verzjoni tal-appellat u mhux dik tal-appellant li ma baqghetx konsistenti. Jirrizulta minn dawn il-provi li x'hin tfaccaw il-muturi l-appellat kien diga

bejn il-vetturi pparkjati ghaddej bil-mod minhabba l-lokalita` u dak il-hin il-muturi kienu ghadhom ma tfaccawx u tfaccaw appena l-appellat lahaq f'dik il-pozizzjoni. Meta mbaghad tfaccaw il-muturi, l-appellat fic-cirkostanzi ma seta' jaghmel xejn aktar minn dak li fil-fatt ghamel. Kif qalet l-ewwel Qorti wiehed ma jistax jippretendi li l-appellat kellu jieqaf qabel jokkupa l-ispazju ta' bejn il-vetturi pparkjati jistenna jekk titfaccax xi vettura mid-direzzjoni opposta.

39. L-appellant jissottometti wkoll li ma jirrizultax li l-vetturi kienu qeghdin jinsaqu b'xi speed eccessiv. Il-brakemarks li halla l-mutur mhumiex indikativi ta' speed eccessiv billi mutur ma jieqafx bhal karozza u ma jirrizultax jekk il-marki li hu halla humiex tyremarks jew brakemarks. Jghid li l-ewwel Qorti ma gharfitx li l-mekkanizmu tal-braking ta' karozza mhuwiex l-istess bhal ta' mutur.

40. L-appellat wiegeb li din hija biss assunzjoni tal-appellant u ma tirrizulta minn imkien u hu ma ressaq ebda prova fir-rigward. L-ewwel Qorti ma setghetx ma tikkonsidrax brake mark daqstant tant twil.

41. PC 111 Mark Anthony Camilleri fol 33 xehed li l-9.5m huma brakemarks tar-rota ta' wara tal-mutur tal-appellant. Jghid li huma kienu ghaddejin bi speed li la kien speed baxx u lanqas speed eccessiv. L-ewwel Qorti ddecidiet li l-ispeed li kien ghaddej bih l-appellant kien bejn il

30 u l-50 kilometru fis-siegha. [ara xhieda tal-appellant quddiem il-Qorti Kriminali].

42. Illi kif jindikaw Clerk and Lindsell fil-ktieb "Torts" (Sweet and Maxwell, 2000):

> "The personal rule is that the vehicle should be driven at a speed which enables the driver to stop within the limits of his vision particularly having regard to … the time during which he is driving and the state of the road".

43. Gie deciz mill-Qrati taghna li l-i*speed* eccessiv jinnewtralizza dak il-*margin of* safety" tant necessarju ghal kull emergenza li tista' tinqala' [Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija v. Gaetano Fabri**, Appell Kriminali, 15 ta' Settembru 1962. U **Penza v. Claes** App. Inf. PS 1/11/2006 Citaz. 654/03].

44. Inoltre speed jista' jkun eċċessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolarment għal dik il-lokalita` iżda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument. Sewwieq ghandu jimxi bi speed li jkollu f'kull hin il-kontroll tal-vettura, u ghalhekk mhux bizzejjed li s-sewwieq ikun qed isuq bl-ispeed permess mil-ligi (Ara f'dan is-sens, App. Inf. **Baldacchino v. Harbone** 24/4/08).

45. Ghalhekk l-obbligu tal-appellant kien li huwa hu javvicina l-liwja kellu jirrallenta s-sewqan tieghu u b'hekk jahseb ghal kull imprevist li seta jiltaqa' mieghu.

46. Illi pero` jirrizulta mill-provi li fl-ebda mument meta l-appellant kien riesaq lejn il-liwja fit-triq fejn sehh l-incident illi huwa b'xi mod prova jnaqqas l-velocita` tieghu anzi jsostni li huwa baqa' sejjer ghaliex haseb li l-appellat kien ser jieqaflu. Hu ma naqqasx sabiex jara dak li gej minnaha l-ohra. Kif dar il-liwja l-appellant sab il-vettura tal-appellat ma' wiccu u ma kienx hemm distanza fejn hu jista jaghfas il-brejk bil-mod bla ma jillokkja ir-rota ta' wara. Kieku hu kien miexi bi speed adattat ghal dik il-lokalita` hu kien ikun f'pozizzjoni li jaghfas il-brejk bil-mod, jirrallenta u jevita l-incident bla ma jiskiddja bhal ma ghamlu ta' warajh.

47. Finalment l-appellant issottometta li jekk il-Qorti xorta ssib li hu naqas, il-manuvra azzardata tal-konvenut appellat ma kelliex twassal biex l-ewwel Qorti tezonerah ghal kollox mir-responsabbilita` billi jekk ma kinitx il-fattur determinanti tal-kollizzjoni, certament li l-agir tal-konvenut kien fattur kontributorju talli sehhet il-habta.

48. Din il-Qorti diga ddecidiet li l-appellat ma ghamel ebda manuvra azzardata. Hu kien ghaddej bil mod u qed izomm proper lookout meta f'daqqa tfaccaw quddiemu l-muturi minn wara l-kantuniera gejjin fid-direzzjoni tieghu. Hu waqaf mal-ewwel minghajr ma halla brake marks.

49. Kif ga rajna jista' jkun hemm responsabbilita` jekk l-appellant juri li "he had been placed in a position of peril, or unless in the so called "agony of collision" only extraordinary care could have avoided the impact" [ara f'dan is-sens **Police v. Jack Morris** 24/7/1937 Vol 29 p4 p 740.]

50. Fil-fehma tal-Qorti kieku l-appellant kien qed isuq b'mod prudenti fil-lokalita` fejn kien, huwa kien ikun f'pozizzjoni li jevita l-incident. Hu pero` kien imprudenti fic-cirkostanzi tal-kaz u tal-inhawi [abitat] meta dar il-liwja b'velocita` minghajr ma esplora t-triq u minghajr ma jirrallenta fil-kantuniera. L-appellat invece fegg bil-mod minn wara t-trakk tant li waqaf mill-ewwel meta innota l-periklu tas-sitwazzjoni.

**Decide**

51. Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell tal-attur appellant, u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant, bl-intervenuta fil-kawza thallas l-ispejjez taghha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb